

31999D0529

3.8.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 203/73

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l- 14 ta' Lulju 1999

**li temenda d-Deċiżjoni 94/766/KE li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li ġejjin mit-Taiwan**

(notifikata bid-dokument numru K (1999) 2061)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/529/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artiklu 11 tagħha,

- (1) Billi l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/766/KE tal-21 ta' Novembru 1994 li jstabbilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li ġejjin mit-Taiwan <sup>(3)</sup> kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 96/255/KE <sup>(4)</sup>, jgħid li l-Uffiċċju għall-Ispazzjoni tal-Merkanzija u l-Kwarantana (USMK) għandu jkun l-Awtorita Kompetenti fit-Taiwan biex tivverifika u tiċċertifika l-konformita tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE;
- (2) Billi, wara li saret ristrutturazzjoni ta' l-amministrazzjoni tat-Taiwan, l-awtorita għaċ-ċertifikati tas-saħħa ta' prodotti tas-sajd inbidlet minn 'USMK' għal Uffiċċju ta' l-Istandards, Metroloġija u Spezzjonijiet (USMS) tal-Ministeru għall-Affarijiet ta' l-Ekonomija u din l-awtorita ġdida hija kapaċi li tivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ; billi, għalhekk, hu meħtieġ li tkun modifikata n-nominazzjoni ta' l-awtorita kompetenti msemmija fid-Deċiżjoni 94/766/KE;
- (3) Billi jaqbel li jkun hemm armonizzazzjoni fil-kliem tad-Direttiva tal-Kummissjoni 94/766/KE mal-kliem adottat aktar reċentement tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jstabbilixxu kondizzjonijiet speċjali dwar importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi;
- (4) Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Id-Deċiżjoni 94/766/KE għandha tkun modifikata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"L-Artikolu 1

L-Uffiċċju ta' l-Istandards, Metroloġija u Spezzjonijiet (USMS) tal-Ministeru għall-Affarijiet ta' l-Ekonomija għandu jkun l-awtorita kompetenti fit-Taiwan biex tivverifika u tiċċertifika l-konformita tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE;"

2. L-Artikolu 2 għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"L-Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li ġejjin mit-Taiwan iridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- 1) kull kunsinna irid ikollha magħha ċertifikat oriġinali tas-saħħa, numerat, mimli kif għandu jkun, iffirmit, datat u li jkun fih folja waħda skond il-mudell fl-Anness A hawnhekk;
- 2) il-prodotti jridu jkunu ġejjin minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbrika, imħażen tal-friża jew bastimenti ffriżati reġistrati kif elenkati fl-Anness B ma' dan;
- 3) ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffirizati, bil-massa u li jkunu maħsuba għall-produzzjoni ta' ikel priservat il-pakketti irid ikollhom fuqhom il-kelma 'TAIWAN' u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment tal-friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux."

3. L-Anness A għandu jkun sostitwit b'dan l-Anness

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.<sup>(2)</sup> ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.<sup>(3)</sup> ĠU L 305, tat-30.11.1994, p. 31.<sup>(4)</sup> ĠU L 86, ta' l-4.4.1996, p. 81.

L-ANNEX

"L-ANNEX A

ĊERTIFIKAT TAS-SAJD

għall-prodotti tas-sajd jew ta' l-akwakultura li ġejjin mit-Taiwan maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar ta' kull forma

Numru ta' referenza: .....

Pajjiż ta' dispaċċ: TAIWAN

Awtorita kompetenti: l-Uffiċċju ta' l-Istandards, Metroloġija u Spezzjonijiet (USMS)

I. Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd

Deskrizzjoni tal-prodott tas-sajd jew ta' l-akwakultura (1):

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

Tip ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Temperatura meħtieġa għall-ħażna u t-trasport: .....

II. Oriġini tal-prodotti

Isem/ismijiet u numru/i uffiċjalment approvat ta' stabbilimenti, bastimenti fabbrika jew imħażen tal-frizza jew bastimenti tal-frizza reġistrati mill-USMS għall-esportazzjoni lejn il-KE:

.....  
.....  
.....  
.....

III. Destinazzjoni tal-prodotti

Il-prodotti huma mibgħuta

minn: .....  
(post tad-dispaċċ)

lejn: .....  
(pajjiż u post destinatarij)

bil-mezz/i ta' trasport li ġej/ġejjin: .....

Isem u indirizz ta' min qed jibgħat: .....

.....  
.....

Isem tal-kunsinnatarju u indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....  
.....

(1) Aqta' fejn mhux applikabbli.  
(2) Ħaj, refriġerat, iffriżat, immellaħ, affumikat, ippriżervat, eċċ.

## IV. Ċertifikat tas-saħħa

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u ġew immaniġġjati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. tniżżlu l-art, ġew immaniġġjati u fejn kien hemm bżonn ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, imdewba mis-silġ u maħżuna iġjenikament kif xieraq u b'konformita mal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
3. għaddew minn kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
4. huma pakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati kif jitolbu l-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
5. mhux ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li filhom bijotossini;
6. għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli organolettiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.

Il-kontrollur uffiċjali sottoskritt b'dan jiddikjara li huwa infurmat dwar il-provvedimenti tad-Direttivi 91/493/KEE, 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 94/766/KE.

Magħmul ..... , fil .....  
 (Post) (Data)



.....  
 Firma ta' ispettur uffiċjali (⁽³⁾)

.....  
 (Isem b'ittri kbar, pożizzjoni u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(⁽³⁾) Il-kulur tat-timbru u tal-firma jrid ikun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.